**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 945/2024 GG**

**Bank of Valletta p.l.c (C-2833)**

**vs.**

**Noel Micallef (K.I 557080M)**

**Kawza nru: 27**

Illum 6 ta' Marzu, 2025

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat tal-kumpanija Bank of Valletta p.l.c ppreżentat quddiem din il-Qorti fit-28 t'Awwissu, 2024 bis-segwenti premessi u talbiet:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt magħmul fl-atti tan-Nutar Dottor Clinton Bellizzi datat 27 ta' Lulju 2005 (Dok. "A") is-soċjetà attriċi ikkonċediet faċilitajiet bankarji lil Noel Micallef.

2. Illi s-soċjetà attriċi tinsab kreditriċi tal-konvenut Noel Micallef fis-somma ta' mija u wieħed elf, erba' mija u tmienja u

ħamsin Ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€101,458.36) bilanċ għad-debitu fil-"*Home Loan Accounts*" ta' Noel Micallef mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B11" u Dok. "C1 sa C13") flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-15 ta' Awwissu 2024 sad-data tal-effettiv pagament.

3. Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn eżibit bħala Dokument "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Noel Micallef:

(a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Noel Micallef li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.

4. Illi l-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenut Noel Micallef ġie nterpellat permezz ta' ittra uffiċjali datata 16 ta' Marzu 20223, li kopja tagħha qed tiġi hawn eżibita u immarkata Dok 'D' sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda huwa baqa' inadampjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawza.

Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħid il-konvenut għaliex m'Għandhiex Din il-Qorti Tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi li qegħda hawn titlob li Din il-Qorti Jogħġobha:

1. Tiddikjara u Tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn eżibit bħala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Noel Micallef (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt, (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat,

u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Noel Micallef li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi, u

2. Tikkundanna lil Noel Micallef iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u wieħed elf, erba' mija u tmienja u ħamsin Ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€101,458.36) bilanċ għad-debitu fil-"*Home Loan Accounts*" ta' Noel Micallef mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B11" u Dok. "C1 sa C13") flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-15 ta' Awwissu 2024 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 16 ta' Marzu 2023 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi ppreżentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa nġunt minn issa sabiex jidher għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta mahluf tal-konvenut li biex wiegeb hekk:

1. Illi l-esponenti filwaqt li jikkonferma l-ammont dovut beda ihallas l-arretrati.
2. Illi l-ammont dovut huwa ta' tmien mija fix-xahar ghall-dawn l-ahhar ghaxar xhur u l-esponenti behsiebu jigi in linja mal-ammont dovut.
3. Illi l-bank qieghed jiklamja l-ammont kollu dovut xi haga li lesponenti tilef dak iz-zmien dovut lilu u ghalhekk huwa impossibbli li jhallas dak l-ammont f'daqqa [sic.].

Bl-ispejjez

Rat in-nota tal-Bank attur mressqa fl-udjenza tal-4 ta' Marzu 2025 li biha ceda l-pretensjonijiet tieghu kwantu l-mertu izda zamm ferm fuq il-kap tal-ispejjez;

Rat ukoll in-nota tal-konvenut ipprezentata fl-udjenza tal-4 ta' Marzu, 2025 li biha ammetta l-kap tal-ispejjez;

Rat l-atti;

**Decide:**

**Tiddisponi minn din il-kawza billi:**

i. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u t-tieni talba tal-Bank attur stante li l-istess Bank ceda t-talbiet tieghu ghas-sorte u tiddikjara l-procediment ezawrit f'dan ir-rigward;**

ii. **Tordna li l-ispejjez kollha ghal dawn il-proceduri inkluz dawk tal-ittra ufficcjali tas-16 ta' Marzu, 2023 u tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment huma a karigu tal-konvenut.**

---

Onor. Dr. Giovanni M Grixti

Imħallef

---

Nicole Cini

Deputat Reġistratur